

Brussell, 14 ta' Settembru 2018
(OR. en)

11488/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0334(COD)

CODEC 1339
ECOFIN 769
UEM 272
PE 100

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/825 biex jiżjed il-pakkett finanzjarju tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforzi Strutturali u li jadatta l-oġġettiv ġenerali tiegħu – Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu 10-13 ta' Settembru 2018)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

F'dan il-kuntest, is-Sinjura Iskra MIHAYLOVA (ALDE, BG) ippreżentat emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 19) għall-proposta għal Regolament, f'isem il-Kumitat li tippresiedi, fil-5 ta' Settembru 2018. Din l-emenda kien intlaħaq qbil dwarha matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fil-11 ta' Settembru 2018, il-plenarja adottat emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 19) għall-proposta għal Regolament. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness hawnhekk².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien ġie maqbul preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi mal-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Programm ta' Appoġġ għal Riforri Strutturali: pakkett finanzjarju u objettiv ġenerali *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/825 biex jiżjed il-pakkett finanzjarju tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforri Strutturali u li jadatta l-objettiv ġenerali tiegħu (COM(2017)0825 – C8-0433/2017 – 2017/0334(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0825),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 175 u 197(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0433/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018³,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' April 2018⁴,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-18 ta' Lulju 2018 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0227/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

³ ĠU C 237, 6.7.2018, p. 53.

⁴ ĠU C 247, 13.7.2018, p. 54.

3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-risoluzzjoni;
4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tiddel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/825 biex jiżdied il-pakkett finanzjarju tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali u jadatta l-objettiv ġenerali tiegħu

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 197(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁷,

⁵ ĠU C 237, 6.7.2018, p. 53.

⁶ ĠU C 247, 13.7.2018, p. 54.

⁷ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2018.

Billi:

- (1) ***L-Unjoni tista' tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri, fuq talba tagħhom, biex ittejjeb il-kapaċità amministrattiva tagħhom għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.***
- (2) Il-Programm ta' Appoġġ għal Riforri Strutturali ("il-Programm") ġie stabbilit bl-objettiv li jsaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri biex iħejju u jimplimentaw riformi strutturali amministrattivi u li jtejjbu t-tkabbir ***ta' interess għall-Unjoni***, inkluż permezz ta' provvista ta' assistenza għall-użu effiċjenti u effettiv tal-fondi tal-Unjoni. L-appoġġ taħt il-Programm jiġi pprovdut mill-Kummissjoni fuq talba minn Stat Membru, u jista' jkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika. L-iżvilupp ta' ekonomiji ***u ta' soċjetà*** reżiljenti mibnija fuq strutturi ekonomiċi, soċjali ***u territorjali*** sodi, li jippermettu lill-Istati Membri jassorbu x-xokkijiet b'mod effiċjenti u jirkupraw minnhom malajr, jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika u soċjali ***u jiftaħ potenzjal ta' tkabbir. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu, skont il-qafas legali tagħhom, kontributi u involviment adatti tal-amministrazzjoni pubblika nazzjonali u reġjonali u tal-partijiet interessati.*** L-implimentazzjoni ta' riformi strutturali istituzzjonali, amministrattivi u li jsostnu t-tkabbir, ***li huma ta' importanza għall-Istati Membri, u s-sjieda fil-post ta' riformi strutturali ta' interess għall-Unjoni huma għodod importanti*** biex jinkisbu tali żviluppi.

- (3) *Komunikazzjoni effettiva tal-azzjonijiet u tal-attivitajiet tal-Programm u tar-riżultati tagħhom fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, skont ma jkun f'loku, hija essenzjali biex tqajjem kuxjenza dwar il-kisbiet tal-Programm, tiżgura l-viżibbiltà u biex tipprovdi informazzjoni dwar l-effetti konkreti tiegħu.*
- (4) *Minħabba li d-domanda għall-appoġġ tista' tisboq il-finanzjament tal-Programm, jenħtieġ li t-talbiet jiġu pprijotizzati, fejn xieraq, mill-Istat Membru kkonċernat matul it-talba għall-proċedura ta' appoġġ. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni għat-talbiet għall-appoġġ li jkollhom rabtiet mas-Semestru Ewropew u ma' oqsma ta' politika relatati mal-koeżjoni, mal-innovazzjoni, mal-impjiegi, u mat-tkabbir intelliġenti u sostenibbli. Il-Programm jenħtieġ li jikkomplementa strumenti oħra sabiex jevita d-duplikazzjoni.*
- (5) *Minħabba li l-Programm ma jipprovdi finanzjament lill-Istati Membri, iżda biss appoġġ tekniku, ma għandux l-għan li jieħu post jew jissostitwixxi finanzjament mill-baġits nazzjonali.*
- (6) L-Istati Membri dejjem żiedu fl-użu tagħhom ta' appoġġ taħt il-Programm, lil hinn milli kien mistenni inizjalment. Abbażi tal-valur stmat tagħhom, it-talbiet għall-appoġġ mibgħuta lill-Kummissjoni matul iċ-ċiklu tal-2017 qabżu b'mod sinifikanti l-allokazzjoni annwali disponibbli. Matul iċ-ċiklu tal-2018, il-valur stmat tat-talbiet riċevuti kien ħames darbiet ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għal dik is-sena. Kważi l-Istati Membri kollha talbu appoġġ taħt il-Programm, u t-talbiet ġew mqasma madwar l-oqsma kollha ta' politika koperti mill-Programm.

- (7) It-tiżni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali *permezz* ta' riformi strutturali, *li jibbenefikaw lill-Unjoni u li huma konformi mal-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni*, huwa kruċjali *għall-irfid tar-reżiljenza ekonomika kif ukoll* għal parteċipazzjoni b'suċċess *u konverġenza reali msaħħa* fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, *li jiżguraw l-istabbiltà u l-prospertà tagħha fit-tul*. Dan hu ta' importanza *ugwali* għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, fit-tnejnija tagħhom sabiex jissieħbu fiż-żona tal-euro, *u għall-Istati Membri taż-żona tal-euro*.
- (8) Għalhekk huwa xieraq li jiġi enfasizzat fl-oġettiv ġenerali tal-Programm, fi ħdan il-kontribut tiegħu lejn ir-rispons għall-isfidi ekonomiċi u soċjali, li t-titjib tal-koeżjoni *ekonomika u soċjali*, il-kompetittività, il-produttività, it-tkabbir sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi, *l-investiment u l-inklużjoni soċjali jista'* jikkontribwixxi wkoll għat-tnejniet għall-partiċipazzjoni futura fiż-żona tal-euro minn daww l-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro.

- (9) ***Bil-ħsieb tat-twettiq tal-objettivi ġenerali u speċifiċi u fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli li jiġu ffinanzjati mill-Programm, jenħtieġ li jiġi indikat li l-azzjonijiet u l-attivitatiet tal-Programm jistgħu jappoġġjaw ukoll riformi li jistgħu jgħinu lill-Istati Membri fit-tħejija tagħhom biex jissieħbu fiż-żona tal-euro, fir-rispett tal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-Istati Membri kollha.***
- (10) Sabiex tintlaħaq id-domanda dejjem tikber tal-Istati Membri għall-appoġġ, u fid-dawl tal-bżonn li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ***li huma ta' interess għall-Unjoni, inkluż fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro fit-tħejija tagħhom biex jissieħbu fiż-żona tal-euro***, l-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm jenħtieġ li tiżdied għal livell suffiċjenti li jippermetti lill-Unjoni tipprovdi appoġġ li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' dawk l-Istati Membri li jagħmlu t-talba ***u li tintuża b'mod konformi ma' ġestjoni finanzjarja soda. Jenħtieġ li dik iż-żieda ma jkollhiex effett negattiv fuq il-prijoritajiet l-oħra tal-politika ta' koeżjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux obbligati jittrasferixxu l-allokazzjonijiet nazzjonali u reġjonali tagħhom minn Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.***

- (11) Sabiex jingħata appoġġ *ta' kwalità* bl-inqas dewmien possibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun f'qagħda li tuża parti mill-pakkett finanzjarju anki biex tkopri l-kost ta' attivitajiet li jappoġġjaw il-Programm, bħal spejjeż relatati mal-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ **u l-evalwazzjoni** ta' proġetti fil-post. ***Dawk l-attivitajiet huma importanti biex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-proġett.***
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ jiġi emendat skont dan.
- (13) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,*

⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perijodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2017/825 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 4

Objettiv ġenerali

L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għal riformi istituzzjonali, amministrattivi u strutturali li jsostnu t-tkabbir fl-Istati Membri billi jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali għal miżuri maħsuba biex jirriformaw u jsaħħu l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni pubblika, u s-setturi ekonomiċi u soċjali b'risposta għall-isfidi ekonomiċi u soċjali, bil-ħsieb li jtejbu l-koeżjoni, il-kompetittività, il-produttività, it-tkabbir sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi, l-investiment ***u l-inklużjoni soċjali u li jikkontribwixxu għall-konverġenza reali fl-Unjoni***, hekk li ***jista'*** wkoll iħejji għall-parteċipazzjoni fiż-żona tal-euro, b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċessi ta' governanza ekonomika, inkluż permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti, effettiv u trasparenti tal-fondi tal-Unjoni.’;

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

‘Artikolu 5a

Appoġġ għat-tħejjija għal sħubija fiż-żona tal-euro

Bil-ħsieb tat-twettiq tal-oġettivi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, u fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 6, il-Programm jista' jiffinanzja azzjonijiet u attivitajiet ukoll b'appoġġ għal riformi li jistgħu jgħinu lill-Istati Membri fit-tħejjija tagħhom biex jissieħbu fiż-żona tal-euro.’;

(3) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm huwa stabbilit għal EUR 222 800 000 fi prezzijiet kurrenti.’;

(b) fil-paragrafu 2, tiddaħħal is-sentenza li ġejja:

‘L-ispejjeż jistgħu wkoll ikopru l-kosti ta' attivitajiet ta' appoġġ oħra bħall-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti ta' appoġġ fil-post.’.

(4) ***fl-Artikolu 16(2), jiddaħħal il-punt li ġej:***

‘(f) l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ’.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMISSJONI

Rigward il-finanzjament taż-żieda tal-pakkett finanzjarju għall-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali u mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu kif ġej:

1. EUR 40 miljun se jkunu ffinanzjati permezz tal-linja baġitarja SRSP li tinsab fl-Intestatura 1b (13.08.01) tal-QFP (Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali) bil-mobilizzazzjoni tal-Marġni Globali għall-impenji f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament QFP (UE, Euratom) Nru 1311/2013 fil-qafas tal-proċedura baġitarja skont l-Artikolu 314 tat-TFUE;
2. EUR 40 miljun se jkunu ffinanzjati permezz tal-linja baġitarja SRSP li tinsab fl-Intestatura 2 (13.08.02) tal-QFP (Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali) permezz ta' riallokazzjonijiet għajr assistenza teknika u l-Iżvilupp Rurali taħt din l-Intestatura u mingħajr rikors għall-marġini. Is-sorsi preċiżi għal tali riallokazzjonijiet se jrin jiġu speċifikati aktar meta jkun il-waqt fid-dawl tan-negozjati tal-proċedura baġitarja għall-baġit 2019.

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

(għall-pubblikazzjoni fis-serje C tal-ĠU)

Il-Kummissjoni se tidentifika u tipproponi riallokazzjonijiet ta' EUR 40 miljun fl-Intestatura 2 tal-MFF (Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali) f'ittra emendatorja għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-2019.

Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi l-mobilizzazzjoni tal-Marġni Globali għall-Impenji f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament QFP (UE, Euratom) Nru 1311/2013 fil-qafas tal-proċedura baġitarja għall-2020 skont l-Artikolu 314 TFUE.